**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Celine Scicluna**

**Kumpilazzjoni Numru: 494/15**

**Illum, 3 ta' Dicembru, 2015**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Celine Scicluna detentrici tal-karta tal-identita` numru 463592(M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn Gunju u x-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

> Minn gewwa Blye Company Ltd San Gwann u Blye Company Ltd, Paola u/jew mill-vicinanzi kkommettiet serq ta' flus kontanti liema serq huw akkwalifikat bil-'valur' li jiskorri l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euro) u bil-'persuna' ghad-dannu ta' Raymond Mallia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra (Art 261(c), (d), 267, 268, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat id-dokumenti prezentati;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe' l-Artikoli 261(c),(d), 267, 268 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni bikrija mill-imputata u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha u stante li l-imputata hallset pjenament id-debitu taghha lill-parte civile, qed issib lill-imputata **Celine Scicluna** hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**